

# News Releases





# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Mejju tal-2023

NR114/2023 Data tal-Ħruġ: 30 ta' Ġunju 2023

*Fi tmiem Mejju 2023, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €103.5 miljuni.*



Bejn Jannar u Mejju 2023, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €2,454.8 miljun, €325.4 miljun aktar miċ-ċifra rrappurtata sena qabel. L-akbar żjieda kienet irreġistrata fit-Taxxa tad-Dħul (€179.5 miljun). Warajha, kien hemm l-Għotjiet (€56.0 miljun), is-Sigurtà Soċjali (€36.1 miljun), u t-Taxxa fuq l-Valur Miżjud (€28.1 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis ewlieni fid-dħul kien irrapurtat għall-Bank Ċentrali ta' Malta (€22.2 miljun) u d-Dividendi fuq investimenti (€2.6 miljuni).

Fi tmiem Mejju 2023, in-Nefqa Totali laħqet l-€2,558.3 miljun, €55.3 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €2,252.8 miljun, żjieda ta' €39.0 miljun meta mqabbla mal-€2,213.9-il miljun li kienet irrappurtata fl-aħħar ta' Mejju 2022. Iż-żjieda ta' €36.3 miljun fl-Ispiża tal-Operat kellha l-akbar sehem f'din iż-żjieda fin-Nefqa Rikorrenti. Barra minn hekk, kien hemm aktar żjidiet fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Pubbliċi (€33.8 miljun) u fis-Salarji u Pagi (€22.0 miljun). Kontribuzzjonijiet akbar ikopru dawk magħmula lill-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (€10.5 miljuni), lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (€7.0 miljuni), lir-Resource Support and Services Ltd (€5.2 miljuni), u lil Servizz.gov (€4.5 miljuni). Min-naħa l-oħra, in-nefqa fuq il-Programmi u Inizjattivi naqset bi €53.1 miljun. L-iżviluppi ewlenin fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu ħruġ anqas għall-iskemi ta' għajnuna tal-Pandemija (€107.5 miljuni), għall-ħlasijiet għall-Istimolu tal-Ekonomija (€48.2 miljun), u għar-Riżorsi tal-UE (€42.1 miljun). It-tnaqqis fil-ħruġ kien, sa ċertu punt, ibbilanċjat b'żjidiet fin-nefqa għall-miżuri ta' għajnuna għall-Enerġija (€66.1 miljun), għall-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€40.9 miljun), għat-Tidwil tat-Triqat u Servizzi Oħrajn (€9.8 miljuni), għall-Karta Tal-linja (€9.4 miljuni), għal Skemi temporanji ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet (€8.2 miljuni) u għall-Kura residenzjali fi djar privati (€7.5 miljuni).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €82.9 miljun, żjieda ta' €12.8-il miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u Mejju 2023, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€222.5 miljun, €3.5 miljuni aktar meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2022. Din iż-żjieda kienet ġejja minn nefqiet akbar fuq Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€10.2 miljuni), is-Sistemi tal-Immaniġġjar tal-Identità Nazzjonali (€4.8 miljuni), id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa (€4.3 miljuni), l-inċentivi għall-industrija tal-films (€3.0 miljuni) u t-Titjib tas-sistemi eżistenti tal-ilma tal-maltemp (€2.9 miljuni). Min-naħa l-oħra, in-nefqa fuq il-bini u t-titjib tat-toroq naqset bi €22.1 miljun.

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet defiċit ta' €103.5 miljuni fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Mejju 2023. Meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022, kien hemm tnaqqis ta' €270.1 miljun fid-defiċit. Din id-differenza tirrifletti żjieda fid-Dħul Rikorrenti Totali (€325.4 miljun), li sa ċertu punt kienet ikkompensata minn żjieda fin-nefqa totali, li kienet magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€39.0 miljun), mill-Imgħax (€12.8-il miljun) u min-Nefqa Kapitali (€3.5 miljuni) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Mejju 2023, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq id-€9,083.6 miljun, żjieda ta' €673.8 miljun meta mqabbel mal-2022. Iż-żjieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€792.6 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żjieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fil-ħruġ tal-muniti tal-Euro f'isem it-Teżor (€5.1 miljuni). Din iż-żjieda fid-dejn kienet parzjalment impattija bit-tnaqqis fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€100.0 miljun) u l-Kambjali tat-Teżor (€14.1-il miljun). Finalment, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €9.7 miljuni fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Mejju

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategorji ewlenin (%)

Jannar-Mejju 2023




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategorji ewlenin (%)

Jannar-Mejju 2023

